MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 970/1998/1

**Emanuel Pace; u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2004 stante l-mewt ta' Emanuel Pace, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Therese mart Paul Cauchi, Alfred, Carmelo u John ahwa Tabone, Carmelo Pace u Eugenia mart John Anthony Farrugia; Doris Scerri Worley mart Alfred Scerri; Mario Pace, Noel Pace u Marcelle mart Joseph Attard; Joseph Pace, John Pace, Miriam mart Anthony Galea, Agnese armla minn Lino Spiteri u Theresa armla minn Charles Calleja; Margherita mart Joseph Mary Tabone; u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2004 stante l-mewt ta' Margherita mart Joseph Mary Tabone l-gudizzju gie trasfuz f'isem**

**Mary Therese mart Paul Cauchi, Alfred, Carmelo u John ahwa Tabone; Carmelo Pace u Eugenia mart John Anthony Farrugia; Doris Scerri Worley mart Alfred Scerri; Mario Pace, Noel Pace, u Marcelle mart Joseph Attard; Joseph Pace, John Pace, Miriam mart Anthony Galea, Agnese armla minn Lino Spiteri u Theresa armla minn Charles Calleja**

**v.**

**Raymond Caruana u Joseph Caruana, f'isimhom proprju u bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` F. Caruana Bros. Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata fil-11 ta' Mejju 1998 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew illi huma jippossjedu bejniethom b'titolu ta' enfiteusi perpetwa l-fond numru sittax (16) Triq Luqa Briffa, iz-Zejtun, u ghalqa adjacenti li tmiss mit-Tramuntana mal-imsemmi fond, mill-Grigal ma' beni tal-konvenuti u mix-Xlokk ma' Triq id-Dwiemes, waqt li l-konvenuti jippossjedu fond li jmiss mil-Lvant mal-fond mibni ta' l-atturi, jigifieri, 16, Triq Luqa Briffa, iz-Zejtun, minn Nofsinhar mal-imsemmija ghalqa ta' l-atturi u mix-Xlokk ma' Triq id-Dwiemes, kif jidhru fuq il-pjanta esebita mac-citazzjoni (Dok EP1), fejn il-fond 16, Triq Luqa Briffa, Zejtun hu mmarkat bl-isfar, l-ghalqa adjacenti ta' l-atturi bl-ahdar u l-fond tal-konvenuti bl-iswed; illi l-konvenuti fis-16 ta' Marzu, 1998 wara inzul ix-xemx, vjolentement u bil-mohbi ta' l-atturi, nvadew bil-gaffa l-imsemmija ghalqa ta' l-atturi, nehhew u garrew il-hamrija u l-hitan tas-sejjieh taghha (immarkati bl-ahmar fuq l-istess pjanta annessa), u bdew ghaddejjin bit-trakkijiet kbar u ingenji ohra minn fuq l-istess art ta' l-atturi; illi b'rizultat ta' dan l-agir vjolenti u klandestin tal-konvenuti ntilfet kull indikazzjoni ta' fejn kienu l-konfini ta' l-imsemmija ghalqa ta' l-atturi; illi l-fond ta' l-atturi numru 16, Triq Luqa Briffa, Zejtun huwa mibni u cirkondat kollu kemm hu b'hajt gholi cirka hames metri u

nofs (5.5m) u l-fond tal-konvenuti li qieghed jigi zviluppat kien ghalqa; illil-konvenuti sporgew f'diversi bnadi s-saqaf tal-konkrit tal-garaxijiet li qeghdin jibnu fl-imsemmi fond taghhom ghal fuq il-hajt tal-gnien tal-fond 16, Triq Luqa Briffa, Zejtun u b'hekk invadew il-proprjeta` ta' l-atturi; illi l-konvenuti f'diversi bnadi tul il-hajt li qeghdin jibnu jmiss ma l-istess hajt tal-gnien ta' l-atturi hallew fethiet, ossia twieqi, kif hu muri f'ritratt ukoll esebit, Dok EP2; illi l-atturi ma jridux li jkunu spoljati mid-drittijiet u mill-beni taghhom; ghalhekk talbu li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dik il-Qorti, jergghu jqieghdu lill-atturi fil-pussess ta' l-ghalqa taghhom u jergghu jqieghdu il-hitan ta' din l-istess ghalqa fl-istat ewlieni taghhom, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti;

2. wara li tiddikjara, jekk ikun mehtieg, illi l-hajt tal-fond ta' l-atturi f'16, Triq Luqa Briffa, z-Zejtun, fejn imiss mal-fond tal-konvenuti huwa kollu ta' l-atturi skond l-Artikolu 409(3) tal-Kodici Civili;

3. tikkundanna lill-konvenuti jnehhu kull bini li ghamlu jidhol fl-arja tal-hajt tas-sejjieh tal-gnien ta' l-atturi u jnehhu kull haga li b'xi mod tinvadi l-proprjeta` ta' l-atturi jew tilledi xi dritt ta' l-atturi;

4. tikkundanna lill-konvenuti jaghlqu kull tieqa, apertura jew ventilatur, ta' kull xorta u daqs, li ghamlu fil-hajt taghhom li bnew imiss mal-hajt tal-gnien tal-fond mibni mill-atturi;

5. fin-nuqqas da parti tal-konvenuti, tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu huma stess dawk ix-xogholijiet a spejjez tal-konvenuti; jew ukoll

6. jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-konvenuti jghatu garanzija ghall-hsarat li l-atturi jistghu jbatu;

7. bl-ispejjez tal-Protest Gudizzjarju tal-14 ta' April 1998, ipprezentat kontra l-konvenuti fl-atti ta' dik il-Qorti.

B’nota pprezentata fit-12 ta’ Ottubru, 1998 il-konvenuti eccepew:-
1. Illi din l-azzjoni hija perenta u fuori termine peress illi dak li qed jilmentaw minnu l-atturi ilu li sehh madwar sentejn.

2. Illi mhux minnu li gie kommess xi spoll, bil-mohbi ta’ l-atturi, kif allegat minnhom u dan ma setghax ikun peress illi x-xoghol kollu fl-ambjenti li qed jsemmu l-atturi sar bil-konsapevolezza taghhom li kienu regolarment qed jsegwu l-izvilupp li kien ilu li beda madwar sentejn qabel ma l-atturi hadu passi.

3. Illi mhux minnu li gie kommess xi spoll fl-ghalqa ta’ l-atturi peress li l-hsara li setghet saret fil-proprjeta` ta’ l-atturi giet rikonoxxuta u t-tiswijiet imwgheda mill-konvenuti.

4. Illi lanqas ma huwa minnu li ntilfu l-konfini tal-proprjeta` tal-partijiet kif allegat peress li dawna huma facilment rintraccabbli fuq il-post.

5. Illi ma hux mehtieg l-ebda ri-integrazzjoni fil-pussess ta’ l-ghalqa lill-atturi, il-ghaliex l-atturi ghadhom fil-pussess ta’ l-istess, waqt li t-tiswija tal-hitan tinsab fil-process li ssehh.

6. Illi lanqas ma hu minnu li l-hajt divizorju bejn il-proprjeta` ta’ l-atturi u l-konvenuti huwa ta’ l-atturi biss, peress li jezistu provi li defenittivament juru li dan il-hajt huwa komuni bejn il-partijiet.

7. Illi konsegwentament peress li l-hajt tal-gnien, hajt divizorju, ghadu jezisti ma jistghax jkun li kien hemm xi invazjoni ta’ l-arja ta’ l-atturi.

8. Illi l-atturi ma ghandhomx dritt u ma jistghux jitolbu l-ebda garanzija f’din il-kawza u f’dawn ic-cirkustanzi u dana peress li ma sar xejn mill-konvenuti li huma (sic) jista’ jilledi l-proprjeta` ta’ l-atturi.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tad-9 ta’ Novembru, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, fi kliem l-istess sentenza,
“din il-Qorti **taqta` u tiddecidi** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) talba attrici stante cessjoni taghha, u filwaqt li tichad it-tieni (2), ir-raba’ (4) u s-sitt (6) talbiet attrici u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a rigward ta’ l-istess talbiet u **tilqa’ l-ewwel (1) u l-hames (5) talbiet attrici b’dana li:-**

(1) Tikkundanna lill-konvenuti, sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, jergghu jqieghdu lill-atturi fil-pussess ta’ l-ghalqa taghhom u b’dan li jergghu jqieghdu il-hitan ta’ din l-istess ghalqa, li l-istess konvenuti waqqghu, fl-istat ewlieni u prestinu taghhom, kollox taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett David Pace A&CE li qed jigi nominat ghall-tali skop sabiex jissorvelja l-istess xogholijiet, a spejjez ta’ l-istess konvenuti.

(2) Fin-nuqqas da part tal-konvenuti li jaghmlu l-istess xogholijiet hawn fuq ordnati fit-terminu qasir u perentorju fuq premess, tawtorizza lill-atturi sabiex taht id-direzzjoni u sorveljanza ta’ l-istess Perit Arkitett David Pace A&CE jaghmlu huma stess dawk ix-xogholijiet a spejjez kollha tal-konvenuti.

L-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Perit Tekniku hawn nominat u tal-protest gudizzjarju tal-14 ta’ April 1998, ghandhom jigu ssoportati mill-konvenuti, hlief dawk tat-tieni (2), tielet (3), ir-raba’ (4), is-sitta (6), u s-seba’ (7) (in kwantu din l-ahhar talba giet formulata bhala talba f’citazzjoni), talbiet attrici, li ghandhom jigu ssoportati mill-atturi.”

Fis-sentenza taghha l-Qorti Prim Awla l-ewwel nett ghamlet rassenja tal-principji legali pertinenti ghall-azzjoni ta’ spoll privileggat kif jirrizultaw mil-ligi w mill-gurisprudenza u wara ghaddiet ghall-applikazzjoni tal-ligi ghall-provi processwali billi qalet hekk:

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta mix-xhieda ta’ Mary Cauchi li fis-16 ta’ Marzu 1998, wara inzul ix-xemx, il-konvenuti dahlu fil-proprjeta` ta’ l-atturi, u waqqghu il-hajt tas-sejjieh permezz ta’ gaffef, u fil-fatt indikat fejn kien l-istess hajt permezz tar-ritratt immarkat bhala Dok. “MC 1” u wkoll l-art appartenenti lill-istess atturi u dik appartenenti lill-konvenuti bl-ittri “X” u “Y” rispettivament, ghalkemm sostniet li ma ratx il-hajt jaqa’.

“Illi fix-xhieda tieghu Raymond Caruana kkonferma l-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet kif indikati fil-pjanta esebita bhala Dok. “EP 1” u wkoll li bejn il-porzjonijiet tal-partijiet kien hemm ukoll hajt tas-sejjiegh li fih kien hemm biex kemm tghaddi persuna wahda. Il-progett inbeda xi erba’ sin qabel, pero` dik il-parti tal-progett fejn kien hemm l-istess hajt, din saret sena jew sentejn qabel meta xehed fit-3 ta’ Marzu 2000. Kien qed isir xoghol mal-istess hajt, u anke inbdew proceduri l-Qorti, u kienu saru ukoll trattivi (sic) bejn l-istess xhud u Emmanuel Pace sabiex l-istess konvenut jixtri parti mill-art ta’ uhud mill-atturi, oltre l-istess hajt, pero` imbaghad sfratta kollox.

“L-istess xhud kompla li gab *surveyor* li stabilixxa fejn kien il-hajt, ha il-qisien, lesta l-pjanta, u wara l-hajt tnehha mill-kuntrattur sabiex l-istess konvenuti jkunu jistghu jibnu l-proprjeta` taghhom, pero` lil hadd mill-atturi ma qalu xejn dwar dan. Sostna wkoll li l-proprjeta ta’ l-atturi kienet zdingata u l-hajt tas-sejjiegh kien ta’ xi erba’ metri u kien gholi ta’ xi metru, li kien idur mal-ghalqa ta’ Cassar, u ilu minn dak iz-zmien jopprova (sic) jirranga mal-istess atturi, pero` sallum ma gie konkluz xejn. Kien offra anke li jixtri l-istess proprjeta` jew parti minnha minghad uhud mill-atturi pero` wkoll hawn ma gie konkluz xejn.

“Illi fil-fatt l-istess konvenut sostna fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2000 quddiem l-istess Assistenta Gudizzjarja a fol. 88 tal-process illi:

“*Le minn go fiha ma missejt xejn jien. Jien li nehhejt minn go tieghi l-hajt li kien jifred minn plot ghall-hajt tieghi. Minn gol-ghalqa as such ma missejt xejn jien.”*

“Illi mill-provi ghalhekk prodotti, jirrizulta ippruvat illi l-hajt tas-sejjiegh, indikat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa bhala DOK “EP” annessa mac-citazzjoni attrici tnehha mill-istess konvenuti sabiex dawn ikunu jistghu jaccedu sabiex jizviluppaw il-proprjeta` taghhom, u di piu` ix-xhieda prodotta mill-istess konvenut Raymond Caruana hija ammissjoni tal-kommissjoni ta’ dan l-ispoll a dannu ta’ l-atturi.

“Illi di piu` gie wkoll pruvat, u anke ammess mill-istess konvenut, li tali art u l-hajt de quo kienu fil-pussess ta’ l-istess atturi, tant li l-istess konvenut ipprova jixtri l-istess parti ta’ l-art minghand uhud minnhom, bla ebda success u wara l-kommissjoni ta’ l-istess allegat spoll. Dan il-pussess ippruvat ta’ l-atturi w addiritturra (sic) ammess mill-konvenut Raymond Caruana, huwa indipendenti mill-fatt li huma ukoll proprjetarji ghaliex gie ritenut li anke “proprjetarju jista’ jispollja lilhu innifsu minn hwejgu.” (Marthese Borg vs George Borg” - .A. JSP 25.2.1993).

“Illi tenut kont tal-premess jibqa’ sabiex jigi stabilit jekk l-azzjoni odjerna, inkwantu tirrigwarda l-azzjoni ta’ spoll saritx fit-terminu preskritt mil-ligi ta’ xahrejn kif indkat **fl-artikolu 535 tal-Kap 12**, u mill-provi prodotti jirrizulta li mix-xhieda ta' Mary Cauchi li dan l-ispoll gie kommess fis-16 ta’ Marzu 1998, u la darba ic-citazzjoni attrici giet prezentata fil-11 ta’ Mejju 1998, mela allura l-azzjoni attrici ghar-rigward l-istess spoll giet prezentata fit-terminu indikat fil-ligi. Illi dwar dan il-punt il-Qorti tosserva li x-xhieda ta’ Raymond Caruana, dwar meta saru l-istess xogholijiet, xejn ma kienet konvincenti, fejn semma il-perjodu ta’ sena u sentejn, meta kien qed jixhed dwar l-istess xhieda tieghu tat-3 ta’ Marzu 2000, u la darba jinkombi min qed jallega sabiex jipprova l-istess, certament li l-konvenut ma irnexxielux f’dan il-kaz, jipprova l-eccezzjoni tieghu, li l-azzjoni llum ttenta (sic) ma saritx fit-terminu rikjest mil-ligi.

“Illi di piu` dwar ir-raba’ (4) talba attrici, il-Qorti thoss li tali allegazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata, u ghalhekk ghandha tigi respinta minn din il-Qorti, kif fil-fatt qed taghmel.

"Illi dwar it-tieni (2) talba ta' l-atturi sabiex jigi ddikjarat li l-hajt tal-fond ta' l-atturi f'16 Triq Luqa Briffa, Zejtun fejn imiss mal-konvenuti huwa kollu ta' l-atturi skond l-**artikolu 409(3) tal-Kap 12**, din ma hijiex konsonanti ma citazzjoni ta' spoll, stante li f'tali azzjoni l-indagini tal-Qorti, skond l-**artikolu 791 (3) tal-Kap 16** ghandha tigi limitata biss ghall "*Fatt tal-pussess jew detenzjoni, w il-fatt ta' l-ispoll",* u ghalhekk certament lanqas ghandha tigi ikkunsidrata f'din il-kawza, u ghalhekk tali talba qed tigi michuda; dan apparti, li anke kieku din il-Qorti kienet qed tittratta mhux kawza ta' spoll, izda kawza dwar drittijiet u mhux biss pussess, mill-process fi kwaunkwe kaz lanqas hemm provi dwar l-istess talba, u ghalhekk ukoll din it-tieni talba qed tigi michuda.

"Illi dwar is-sitt talba, din hija wkoll legalment insostenibbli f'kawza ta' spoll, u di piu` ma gietx fattwalment u legalment ippruvata n-necessita` taghha f'dawn il-proceduri. Di piu` din il-Qorti li fic-cirkostanzi tal-kaz, din it-talba hija gudizzjarjament insostenibbli fil-fatt u fid-dritt. (sic)

"Illi dwar is-seba' (7) talba din l-anqas kien hemm bzonnha bhala talba, u apparti d-decizzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ispejjez tal-kawza, li ser tinghata fil-parti konkluzziva ta' din is-sentenza, l-ispejjez ta' din it-talba, bhala tali ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi."

**L-appelli interposti mill-partijiet.**

Mis-sentenza fuq riportata gie interpost appell mill-konvenuti Raymond u Joseh Caruana proprio et nomine kif ukoll appell incidentali ta' l-atturi limitatament fir-rigward tar-raba', sitt u sebgha talbiet imsemmija fic-citazzjoni attrici, li gew michuda fis-sentenza kif fuq inghad.

B'rikors pprezentat fid-29 ta' Novembru 2000 il-konvenuti Raymond u Joseph ahwa Caruana proprio et nomine talbu li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata, billi tirrevoka u thassar [l-] istess sentenza in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konnessi mal-

ewwel talba u laqghet l-istess l-ewwel (1) talba u hames (5) talba, u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konnessi maghhom u tichad ukoll l-ewwel u l-hames talba ta' l-atturi appellati, bl-ispejjez kontra taghhom fil-waqt li tikkonferma is-sentenza ghall-bqija.

Fir-risposta taghhom l-atturi appellati filwaqt li talbu li din il-Qorti tikkonferma l-kapi maqtugha favurihom fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Novembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi, u cioe` dwar l-ewwel (1) u l-hames (5) talbiet attrici; interponew appell incidentali u talbu li din il-Qort:

1. tirrevoka s-sentenza kwantu ghall-kapi li qieghed isir appell incidentali minnhom u b'hekk tilqa' t-talbiet attrici numru erba' (4) sitta (6) u sebgha (7), bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**L-aggravji tal-konvenuti nomine appellanti:**

L-aggravji mressqa mill-konvenuti nomine huma tnejn li, fi kliem ir-rikors promotur, gew impostati fit-termini segwenti:-

A) Li meta l-konvenuti wessghu l-access li kien hemm ghall-ghalqa taghhom certament ma kienu qed jaghmlu l-ebda disservizz lill-atturi li kienu diga' fethu kull access possibbli skond it-toroq ppjanati mill-awtoritajiet kompetenti.

B) Li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta sabet li l-kawza kienet pprezentata fit-terminu rikjest, billi ma haditx din l-eccezzjoni in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-provi kollha.

Qabel ma din il-Qorti tindika l-aggravji mressqa mill-atturi appellanti, ikun xieraq u anke opportun li jigu ezaminati l-aggravji tal-konvenuti.

a) **L-ezistenza o meno ta' l-att spoljattiv:**

Il-Qorti ta' Prim Istanza sabet li kien gie ppruvat "illi l-hajt tas-sejjiegh, indikat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa bhala Dok "EP1" annessa mac-citazzjoni tnehha mill-istess konvenuti sabiex dawn ikunu jistghu jaccedu sabiex jizviluppaw il-proprjeta` taghhom." Infatti l-ewwel qorti

rriteniet li x-xhieda ta’ l-istess Raymond Caruana “hija ammissjoni tal-kommissjoni ta’ dan l-ispoll a dannu ta’ l-atturi.”[1]

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenuti appellanti dwar l-invazjoni li saret fuq il-proprjeta` ta’ l-atturi; b’dana kollu l-konvenuti appellanti qed isostnu li din l-invazjoni ma tammontax ghal spoll. Dan ghaliex, skond l-istess konvenuti, gia la darba l-istess atturi kienu bieghu ghall-izvilupp parti mill-proprjeta` taghhom l-uniku skop tal-hajt tas-sejjiegh in kwistjoni kien li “jillimita u jipprotegi l-konfini tal-konvenuti mil-intruzjoni ta’ terzi”[2]. F’dan ir-rigward il-konvenuti jghidu li “l-atturi kienu diga’ bhala fatt fethu l-konfini taghhom tant li ma baqghax hajt iehor mill-ghalqa taghhom hlief l-ahmar.”[3] Il-konvenuti ghalhekk qed isostnu li, f’din is-sitwazzjoni, huma kellhom id-dritt “li jgawdu mill-access li kien infetah jew thalla jinfetah mill-atturi nfishom, u jaccedu ghall-proprjeta` taghhom mil-unika hajt li kien qed jipprotegi biss il-proprjeta` taghhom.”[4]

Effettivament dik il-parti ta’ l-ghalqa ta’ l-atturi, inkluz l-arja ta’ taht parti mill-hajt indikat bil-kulur l-ahmar fil-pjanta Dok EP1 a fol 6 tal-process, illum giet asfaltata mill-awtoritajiet kompetenti, u ghalhekk il-konvenuti qed isostnu li la darba din dejjem kienet progettata bhala triq mill-awtorita` ta’ l-ippjanar, ma jista’ qatt jigi kommess spoll minn min jaghmel uzu minnha. Inoltre la darba din l-art illum hija triq pubblika zgur li ma jistax jkun hemm ripristinar da parti tal-konvenuti. Fir-rigward tar-rimanenti parti tal-hajt tas-sejjiegh il-konvenuti qed jghidu li dan rega’ inbena taht is-sorveljanza tal-Perit Magro inkarigat mill-istess atturi u f’dan ir-rigward l-ispoll gie rimedjat.

Fir-risposta ta’ l-atturi appellati ghar-rikors tal-konvenuti tat-30 ta’ Gunju, 2003,[5] l-istess atturi ma jikkontestawx il-fatt li rega’ tela’ parti mill-hajt kif fuq inghad, biss isostnu li

[1] Fol. 185 – p. 15 tas-sentenza appellata.
[2] Fol. 197 – para 5 tar-rikors ta’ l-appell.
[3] Fol. 197 – para 5 tar-rikros ta’ l-appell.
[4] Fol. 199 – para 6 tar-rikors ta’ l-appell.
[5] Fol. 211

b’dan bl-ebda mod ma giet ippregudikata l-actio spolii in kwistjoni billi l-fatt spoljanti kien gja sehh.

Bir-rikors fuq imsemmi tat-30 ta’ Gunju, 2003 il-konvenuti, filwaqt li issottomettew li fic-crkostanzi prevalenti, u cioe` bil-ftuh ta’ triq pubblika, il-mertu ta’ l-appell taghhom kien in parti ezawrit, talbu li, f’kaz li ma jintlahaqx ftehim mal-kontro parti dwar l-inezigibilita` tad-domanda attrici, jigu awtorizzati jressqu provi in sostenn ta’ dak li kienu qed jissottomettu. Din it-talba giet milqugha b’digriet moghti fl-udjenza tal-4 ta’ Novembru, 2003.

Gie ghalhekk mressaq bhala xhud Anthony Deguara, Assistent Kummissarju ta’ l-Artjiet[6] u minn dan jirrizulta li l-art fejn illum tinsab l-estensjoni ta’ Triq id-Dwiemes qatt ma kienet giet esproprjata billi din it-triq kienet giet iffurmata minn nies meta xtraw il-plots. Tant hu hekk, dan ix-xhud stqarr, li bhala fatt fil-files taghhom din it-triq ma tezistix. B’dana kollu l-istess xhud qal li gia la darba din it-triq giet furmata, illum hija pubblika u “Kullhadd jista’ jghaddi minghajr hadd ma jwaqqaf lil hadd.”[7]

Gie prodott ukoll il-Perit Lino Zammit, Assistant Chief Executive ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport, gja Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, li xhed li Triq id-Dwiemes kienet giet asfaltata fuq talba tal-Kunsill Lokali taz-Zejtun u in sostenn ta’ dan, ezebixxa kopja fotostatika ta’ ittra ta’ l-istess Kunsill tas-27 ta’ Dicembru, 2001 fejn jissemma l-asfaltar ta’ din it-triq.[8] Hu spjega li d-dipartiment tieghu mhux ikkoncernat bil-formazzjoni tat-triq billi din tigi ffurmata meta jsir l-izvilupp edilizzju mid-diversi sidien tal-plots prospicjenti t-triq. Id-dipartiment tieghu jiehu hsieb biss li jaghmel il-bankina u jiksi l-wicc bl-asfalt. Biex isir dan, kompla x-xhud, mhux necessarjament issir esproprjazzjoni, liema esproprjazzjoni ssir biss meta fit-triq li tkun ser tigi formata ma jkunx hemm zvilupp. Infatti jirrizulta li t-triq mertu tal-kawza ma hijiex esproprjata. Il-Perit Zammit qal ukoll li wara li saret it-talba ghall-asfaltar tat-triq mill-Kunsill Lokali s-sidien ta’ l-art ma gewx

6 Fol. 228
7 Fol. 229
8 Fol. 248

avvicinati mid-dipartiment li hadem biss f'dik il-parti li diga' kienet iffurmata skond il-pjan regolatur.

Fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 2004 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li Triq id-Dwiemes tispicca f' "cul de sac".

**Ikkunsidrat:**

Minn dak hawn fuq riportat u l-provi rilevanti li jinsabu fil-process din il-Qorti jidhrilha li ghandhom jigu sottolineati s-segwenti punti:-

a) Il-kontendenti huma proprjetarji ta' artijiet adjacenti fl-inhawi ta' Triq id-Dwiemes, Zejtun.

b) L-art ta' l-atturi tikkonfina mal-imsemmija triq mentri dik tal-konvenuti appellanti, qabel l-izvilupp edilizzju, kienet interkjuza b'raba ta' l-atturi u raba' iehor.[9]

c) Biex il-konvenuti accedew ghall-proprjeta` taghhom ghaddew minn fuq ir-raba ta' l-atturi u sahansitra waqqghu hajt gholi tas-sejjieh li kien jissepara l-art taghhom minn dik ta' l-atturi.

d) Fis-sena 2002 wara li sar l-izvilupp edilizzju l-Awtorita` tat-Trasport, fuq talba tal-Kunsill Lokali, asfaltat it-triq li kienet giet hekk furmata mill-bini li tela` u skond il-linji moghtija mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar lis-sidien tal-plots.

e) Din it-triq ghaddiet minn fuq l-art ta' l-atturi minghajr ma dawn gew infurmati u bla ma l-istess art, fejn giet furmata t-triq, giet esproprjata.

f) Illum bl-asfaltar tat-triq hemm access liberu ghall-pubbliku pero` Triq id-Dwiemes ma twassal imkien.

**Ikkunsidrat:**

Is-Subartikolu (7) ta' l-Artikolu 20 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici jista', f'kull zmien, jaghmel f'kull jew taht kull triq li ma tkunx proprjeta` tal-Gvern, kull xorta ta' xoghol illi huwa jkun jidhirlu mehtieg jew utli fl-interess pubbliku. Biss is-subartikolu (10) ta' l-istess artikolu jghid li tali xogholijiet ghandhom isiru "wara li [id-Direttur] jkun baghat avviz lis-sid b'ittra registrata ta' hsiebu li jaghmel hekk" u skond il-

[9] Ara pjanta Dok EP1 a fol. 6 tal-process.

paragrafu (ii) tas-subartikolu (10) ta’ l-istess artikolu hemm dispost li “Kull triq li ma tkunx tal-Gvern, kompriza l-bankina f’dik it-triq, ghandha wara li d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici jkun baghat lis-sid avviz b’ittra registrata, tigi miksija bl-asfalt jew xort’ohra kif ighid id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, bi spiza tas-sid.” U skond il-paragrafu (vi) ta’ l-istess subartikolu malli jitlesta l-kisi tat-triq dik tigi trasferita lill-Gvern u s-sidien jkunu mehlusa minn kull dmir iehor li jiehdu hsieb dawk it-toroq.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti holqu access ghall-proprjeta` taghhom billi mhux biss ghaddew minn fuq proprjeta` ta’ l-atturi izda ukoll, minghajr il-kunsens ta’ dawn, waqqaw parti mill-hajt tas-sejjieh li kien jiddividi l-proprjeta` ta’ l-atturi minn dik tal-konvenuti appellanti. Dan kollu sar qabel ma Triq id-Dwiemes giet asfaltata mill-awtorita` kompetenti. Dan il-fatt fih innifsu jammonta ghall-spoll fit-termini tal-ligi billi l-proprjeta` ossia ghalqa li l-konvenuti uzaw biex jilhqu l-proprjeta` taghhom kif ukoll il-hajt tas-sejjiegh kienu, fil-mument ta’ l-invazjoni, fil-pussess ta’ l-istess atturi. Ghalhekk x’kien ser jaghmel il-Gvern fi stadju sussegwenti huwa irrilevanti billi, ghal fini ta’ l-ispoll, il-qorti trid thares lejn il-mument ta’ l-ispoll biex tiddetermina l-pussess u l-att spoljattiv. Il-Qorti fl-indagini taghha ma tistax thares lejn x’kien mahsub li jsir mill-art in kwistjoni f’data futura.

Inoltre jigi rilevat li ghalkemm, skond il-pjan regolatur, dik il-parti ta’ l-art ta’ l-atturi li giet invaza mill-konvenuti kif ukoll il-hajt li gie demolit, kien mahsub li ssir triq u li sahansitra fis-sena 2002 l-istess art giet asfaltata u b’hekk saret accessibbli ghall-pubbliku, b’dana kollu jirrizulta li l-istess Dipartiment koncernat ma mexix skond il-provvedimenti tal-Kap 10 [10] stante li s-sidien ta’ l-art la gew infurmati bl-intenzjoni ta’ l-istess dipartiment u lanqas ma sar it-trasferiment ta’ l-art lill-Gvern. Ghalhekk proprjament il-pussess legali ta’ l-art u tal-hajt ghadu materjalment f’idejn l-atturi. F’dan is-sens din il-Qorti

[10] Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

tikkondividi d-decizjoni ta’ l-ewwel qorti dwar l-ispoll kommess a skapitu ta’ l-atturi.

Dan premess, izda, din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi ezistenti llum, tista` tordna l-irripristinar lill-atturi ta’ l-ghalqa u tal-hajt in kwistjoni, ossia dik il-parti tal-hajt fejn illum hemm triq, billi jidher li llum f’din l-art giet formata triq pubblika. Ghalhekk fil-parti disposittiva ta’ din is-sentenza filwaqt li ser tiddikjara li gie kommess spoll mill-konvenuti fil-konfront ta’ l-atturi, ser tirriforma s-sentenza appellata billi, fic-cirkostanzi prezenti, ma tordnax ir-reintegrazzjoni tal-pussess ta’ l-art u tal-hajt in kwistjoni a tenur ta’ l-ewwel talba attrici u konsegwentement sejra wkoll tirrevokaha, limitatament ghall-parti li tikkoncerna l-awtorizzazzjoni mitluba biex isiru dawn ix-xogholijiet mill-istess atturi billi tali awtorizzazzjoni ma ghadhiex aktar mehtiega. Fl-istess hin pero` ser tirrizerva favur l-atturi kull dritt spettanti lilhom fir-rigward ta’ din l-ghalqa u hajt sew kontra l-konvenuti kif ukull kontra kull parti ohra koncernata.

a) **Dwar il-preskrizzjoni:**

Il-konvenuti appellanti qed isostnu li meta l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kienet zbaljat billi meta Raymond Caruana xhed li huwa ghamel uzu mill-access li kienu fethu l-atturi fil-parti tat-triq li hija triq progetta mill-Awtoritajiet kompetenti huwa (a) ma kienx qed jammetti li kien qed jikkommetti spoll u (b) l-progett kien ilu li inbeda.

Ghar-rigward ta’ l-ewwel sottomissjoni din il-Qorti, filwaqt li terga’ taghmel referenza ghal dak li inghad hawn fuq dwar il-progetti ta’ l-awtoritajiet kompetenti, tirrileva wkoll li f’materja ta’ spoll huwa l-att spoljattiv fih innifsu li huwa relevanti u mhux x’haseb jew ma hasibx dak li qed jikkommettieh.

Fir-rigward tat-tieni osservazzjoni din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti processwali, tikkondividi l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel qorti meta osservat li “mill-provi prodotti jirrizulta li mix-xhieda ta’ Mary Cauchi li dan l-ispoll gie kommess fis-

16 ta’ Marzu, 1998, u la darba c-citazzjoni attrici giet prezentata fil-11 ta’ Mejju, 1998, mela allura l-azzjoni attrici ghar-rigward l-istess spoll giet prezentata fit-terminu indikat fil-ligi.”[11]

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u konsegwentement qed jigi michud.

**L-appell incidentali tal-atturi:**

Kif gja inghad hawn fuq fir-risposta taghhom ghall-appell tal-konvenuti l-atturi appellati ressqu appell incidentali. Dan l-appell jikkoncerna r-raba’, is-sitt u seba’ talba li gew michuda fis-sentenza appellata u liema talbiet jikkoncernaw aperturi li saru fil-hajt tal-konvenuti; l-ghoti ta’ garanzija ghall-hsarat li jistghu jbatu l-atturi; u t-talba ghall-ispejjez tal-protest gudizzjarju.

Illi kif sewwa gie rilevat mill-atturi l-ewwel qorti chadet dawn it-talbiet billi rriteniet li r-raba’ (4) talba ma gietx ippruvata sodisfacentement; billi is-sitt (6) talba giet ritenuta legalment insostenibbli f’kawza ta’ spoll u di pju ma gietx fattwalment u legalment ippruvata n-necessita` taghha f’dawn il-proceduri; u billi t-talba numru sebgha (7) ma kinitx mehtiega bhala talba u ghalhekk l-ispejjez taghha ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.

**Dwar ir-raba’ talba attrici:**

Fil-proceduri odjerni wahda mill-premessi tac-citazzjoni attrici kienet tghid li l-konvenuti f’diversi bnadi tul il-hajt li qeghdin jibnu jmiss ma’ l-istess hajt tal-gnien ta’ l-atturi **hallew fethiet, ossia twieqi**, kif hu muri fir-ritratt esebit mac-citazzjoni bhala Dok EP2. Kien ghalhekk li fir-raba’ talba taghhom talbu li l-istess konvenuti jigu kkundannati jaghlqu kull tieqa, apertura jew ventilatur, ta’ kull xorta u daqs, li ghamlu fil-hajt taghhom li bnew imiss mal-hajt tal-gnien tal-fond mibni ta’ l-atturi.

---

[11] Pagna 16 tas-sentenza fol. 186 tal-process.

Fis-sentenza appellata l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mir-raba' talba attrici bil-mod segwenti:-
"dwar ir-raba' (4) talba attrici, il-Qorti thoss li tali allegazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata, u ghalhekk ghandha tigi respinta minn din il-Qorti, kif fil-fatt qed taghmel."[12]

Minn qari tas-sentenza ma jirrizultax li l-ewwel qorti ghamlet xi ezami tal-provi fir-rigward ta' din it-talba billi, hlief ghal dak li huwa riportat hawn fuq, ma jinghad xejn fir-rigward fis-sentenza appellata.

L-atturi hassew ruhhom aggravati bic-cahda ta' din it-talba u qed isostnu li dawn l-aperturi jirrizultaw bl-aktar mod car fir-ritratt ezebit mac-citazzjoni Dok EP2; billi hemm ammissjoni fir-rigward mill-konvenut Raymond Caruana (ara xhieda a fol. 43 u 44 tal-process) u billi wkoll dawn l-aperturi jissemmew fir-rapport ta' l-AIC David Xuereb[13] li kien gie inkarigat mill-istess konvenuti.

L-atturi ghalhekk qed jsostnu li t-talba taghhom fir-rigward ta' dawn l-aperturi kellha tigi milqugha nkwantu dawn l-aperturi jikkostitwixxu spoll vjolenti fil-konfront taghhom billi l-Artikolu 443(1) tal-Kap 16 jiddisponi li "*sid ta' bini ma jistax jiftah twieqi f'boghod ta' anqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju*". Skond l-atturi dawn l-aperturi wkoll jilledu d-dritt taghhom sancit fl-Artikolu 435 tal-Kap 16 li jiddisponi li "*Ghad li l-bini ma jkunx sar fuq il-linja tal-konfini, il-gar jista', jekk ma jithalliex ghall-anqas il-boghod ta' metru u nofs, jitlob li jaghmel komuni l-hajt, u jista' jibni sa fejn jasal il-hajt u jpoggi mieghu, billi jhallas, ma nofs is-siwi tal-hajt, is-siwi ta' l-art li jokkupa, kemm-il darba sid l-art ma jaghzilx li johrog il-bini tieghu, fl-istess zmien, sal-linja tal-konfini.*"

Minn ezami tal-provi processwali din il-Qorti tiddikjara li ma tistax tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti dwar l-insufficenza ta' provi fir-rigward. Infatti ma hemmx dubbju li dawn l-aperturi jezistu fil-hajt tal-konvenuti kif jidher car mir-ritratt Dok EP2 anness mac-citazzjoni, u

[12] Pagna 17 tas-sentenza – fol. 187 tal-process.
[13] Dok RC2 – fol. 116 tal-process.

mill-provi l-ohra imsemmija hawn fuq. Inoltre jirrizulta car li dawn l-aperturi jmorru kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 443(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta skond ma jidher mill-pjanta annessa mar-rapport ta' l-AIC David Xuereb (fol. 119 tal-process) fejn jinghad li l-"*gap between walls (average 45cm)*" u ghalhekk dawn jinsabu f'distanza ferm anqas minn dak prospettat fl-Artikolu 443(1). Jinghad ukoll li bil-mod kif gie kostruit l-hajt tal-konvenuti f'distanza akkorcjata, l-istess atturi kellhom il-possibilita` li jezercitaw d-dritt kontemplat fl-Artikolu 435. Pero` b'dawn l-aperturi dan id-dritt ser jigi eskluz lilhom. Dan l-aggravju ghalhekk huwa gustifikat u ser jigi akkolt.

**Dwar is-sitt talba attrici:**

Is-sitt talba attrici hija maghmula fis-segwenti termini: "*jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-konvenuti jghatu garanzija ghall-hsarat li l-atturi jistghu jbatu".* L-ewwel qorti ddisponiet minn din it-talba bil-mod segwenti: "*Illi dwar is-sitt talba, din hija wkoll legalment insostenibbli f'kawza ta' spoll, u di piu` ma gietx fattwalment u legalment ippruvata n-necessita` taghha f'dawn il-proceduri. Di piu` din il-Qorti li fic-cirkostanzi tal-kaz, din it-talba hija gudizzjarjament insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.*" (Sic).

Din il-Qorti tenut kont tan-natura ta' l-azzjoni intentata mill-atturi, tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel qorti billi f'azzjoni possessorja istitwita a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-Kap 16 abbinat ma' l-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – bhal ma hi dik sottoezami – il-Qorti tigi adita biss biex tirreintegra lil dak lil jkun fil-pussess meta jkun hemm molestja. Fil-qadi ta' dan l-obbligu l-Qorti trid thares biss lejn il-fatt tal-pussess jew detenzjoni, u l-fatt ta' l-ispoll, u ma tista' taghmel ebda konsiderazzjonijiet ohra jew timponi obbligi fuq l-ispoljant oltre dawk li jissemmew fil-ligi. Dan l-aggravju ghalhekk mhux qed jigi akkolt.

**Dwar is-seba' talba attrici:**

Din it-talba tikkoncerna l-ispejjez tal-Protest Gudizzjarju tal-14 t'April 1998 ipprezentat kontra l-konvenuti. Dwar din it-talba l-ewwel qorti qalet li din it-talba "*lanqas kien hemm*

*bzonnha bhala talba, u apparti d-decizzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ispejjez tal-kawza, li ser tinghata fil-parti konkluzziva ta' din is-sentenza, l-ispejjez ta' din it-talba, bhala tali ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.*"

F'dan ir-rigward l-atturi appellanti qed jissottomettu hekk fl-appell incidentali taghhom: "*Kwantu ghall-kundanna tal-hlas ta' l-ispejjez rigward it-Talba numru 7 tac-Citazzjoni, l-esponenti jissottomettu illi fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma nsibu imkien illi ghandu jigi censurat minn jaghmel talba enumerata f'citazzjoni; pjuttost il-kontra. Ghalhekk l-atturi ma ghandhomx isofru l-ispejjez ta' din it-talba (li wara kollox giet milqugha) proprju ghaliex tawha numru.*"

Hija l-prassi tal-klassi legali li tipprattika fil-kamp kontenzjuz li meta tigi intavolata citazzjoni fil-qrati superjuri, in calce ssir talba ghall-kundanna tal-hlas ta' l-ispejjez attrici. Dan ghalkemm l-Artikolu 177 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi espressament li "*Il-klawsola 'bl-ispejjez' titqies dejjem bhala mdahhla f'kull skrittura li fiha jistghu jintalbu l-ispejjez.*" Generalment f'din it-talba l-atturi jinkludu wkoll talba ghall-hlas ta' dawk l-ispejjez relattivi ghall-atti li ma jiffurmawx parti mill-proceduri istitwiti bic-citazzjoni per se, bhal per ezempju, l-ispejjez ta' ittri legali u ittri ufficjali li jkunu intbghatu lill-kontro parti, dawk ta' mandati kawtelatorji mahruga qabel l-istituzzjoni tal-kawza, kif ukoll ta' xi protest li jkun gie spedit. Naturalment dawn jissemmew specifikatament ghax, fil-kaz li jithallew barra, meta l-Qorti tippronunzja ruhha fuq il-kap ta' l-ispejjez fis-sentenza, dawn l-ispejjez ma jkunux jistghu jingabru in virtu ta' dik is-sentenza.

Issa fil-kaz in ezami jidher li l-atturi ottemperaw ruhhom mal-provvedimenti ta' l-Artikolu 177 fuq imsemmi billi ma saritx talba specifika fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza. Biss gia la darba l-atturi kienu ipprezentaw Protest Gudizzjarju u ta' liema huma kienu qed jippretendu rifuzjoni ta' l-ispejjez, l-istess atturi kienu korretti li jsemmu dan il-fatt fic-citazzjoni minnhom intavolta. Issa l-Artikolu 156 tal-Kap 12 jiddisponi li c-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u <u>ghandha jkun fiha</u>:

(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba;
*(b)* it-talba jew it-talbiet, <u>li ghandhom ikunu numerati.</u>
Billi l-atturi kienu qeghdin jitolbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-Protest Gudizzjarju, u billi l-istess atturi ma talbux, kif isir generalment, il-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza ma liema setghu jinkludu wkoll dawk tal-Protest Gudizzjarju, din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-fatt li meta l-atturi talbu espressament il-hlas ta' l-ispejjez tal-Protest Gudizzjarju, dan ghamluh b`talba separata debitament innumerata kif jipprovdi l-Artikolu 156 fuq imsemmi. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi akkolt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi:-
(a) fl-ewwel lok tichad l-appell principali tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom, b'dana li tillimita ruhha ghall-dikjarazzjoni li gie kommess spoll fil-konfront ta' l-atturi mill-konvenuti nomine, stante li fic-cirkostanzi prezenti ma tistax tordna r-reintegrazzjoni mitluba mill-atturi billi l-art in kwistjoni llum saret triq pubblika. F'dan is-sens ukoll tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-atturi gew awtorizzati li, fin-nuqqas li x-xogholijiet jsiru mill-konvenuti nomine, jaghmlu x-xogholijiet huma stess. Fl-istess hin tirrizerva kull dritt spettanti lill-atturi kontra l-konvneuti jew kontra kull terz involut fl-okkupazzjoni ta' l-art in kwistjoni.

(b) Fit-tieni lok tilqa' l-appell incidentali ta' l-atturi limitatament ghal dak li jikkoncerna ir-raba' u s-seba' talba taghhom u ghalhekk filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza appellata fit-termini spjegati fil-paragrafu (a) *supra*, u cioe` li ghar-rigward ta' l-ghalqa u l-hajt fejn l-ewwel qorti ordnat li jerga' jigi reintegrat l-pussess ta' l-atturi tiddikjara biss li l-agir tal-konvenuti kien jammonta ghall-att spoljattiv, tikkonferma l-istess sentenza nkwantu din cahdet is-sitt talba attrici u tirriformaha billi tirrevokaha nkwantu din cahdet ir-raba' talba attrici u nkwantu kkundannat lill-atturi jhallsu l-ispejjez tas-seba' talba attrici. Konsegwentement tilqa' r-raba' talba attrici billi tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront ta' l-atturi meta fethu l-aperturi fil-hajt taghhom f'distanza

ravvicinata ghall-hajt divizorju u konsegwentement tordna li dawn l-aperturi jinghalqu fi zmien xahar millum, u fin-nuqqas, a tenur tal-hames talba attrici, tawtorizza lill-istess atturi li jaghmlu x-xogholijiet huma stess taht is-sorveljanza ta' l-AIC David Pace. Finalment ukoll tilqa' l-appell incidentali ta' l-atturi fejn dan jikkoncerna s-seba' talba attrici billi tordna li l-ispejjez ta' din it-talba jigu sopportati mill-konvenuti.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha, kemm dawk ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell, sew dak principali kif ukoll dak incidentali, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti appellanti, hlief ghal dawk li jikkoncernaw it-tieni, it-tielet u s-sitt talbiet attrici li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------